# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2017**

**Numru**
**Ċitazzjoni numru 1665/1999**

**Emanuel Hayman u martu Monica Hayman**

***v.***

**Mary Caruana u żewġha Alfred; Emanuela Psaila u żewġha Andrew; William Hayman u martu Josephine; Josephine Ciantar u żewġha Alfred; Doris Hayman; Angela Montebello u żewġha Paul - u b'dikriet tat-22 ta' Awissu 2016 il-ġudizzju għadda mill-persuna tal-imħarrek Paul Montebello għall-persuna tal-armla tiegħu Angela, u ta' Josianne Montebello, Melanie Montebello u Ramona Esposito mart Marco wara l-mewt tal-istess Paul Montebello**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-atturi miżżewġin Hayman biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tas-6 ta' Frar 2015 ["is-sentenza attakkata"], wara li titħassar dik is-sentenza għax il-konvenuti jgħidu illi s-sentenza (i) applikat il-liġi ħażin, (ii) fiha disposizzjonijiet kontra xulxin u (iii) hija l-effett ta' żball li

jidher mill-atti tal-kawża (art. 811 para. (*e*), (*i*) u (*l*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi fetħu l-kawża tallum biex jitolbu li l-qorti tħassar l-aħħar testment li kienet għamlet Maria Carmela Hayman, li tiġi omm l-attur u omm uħud mill-konvenuti, ħut l-attur; il-konvenuti l-oħra huma l-irġiel u n-nisa ta' ħut l-attur iżda dawn inħarġu mill-kawża wara li l-qorti kienet laqgħet eċċezzjoni tagħhom ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva. L-atturi talbu t-tħassir tat-testment għax qalu illi "dan it-testment sar taħt pressjoni u kienet [*sic*] vizzjata fil-kunsens u ma jirrappreżentax l-aħħar volontà" tat-testatriċi.

3. B'sentenza tas-6 ta' April 2011 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż. L-atturi appellaw u l-Qorti tal-Appell, bis-sentenza attakkata, ikkonfermat f'kollox is-sentenza tal-ewwel qorti għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Il-kawża tiċċentra dwar il-validità *o meno* tat-testment ta' omm il-kontendenti aħwa Hayman.
>
> »L-aggravji tal-konvenuta [*recte*, tal-atturi] appellanti huma li l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u wkoll li applikat il-liġi tal-proċedura b'mod żbaljat meta fi kliemhom "ippretendiet grad ta' prova li jmur *oltre* dak rikjest fil-kamp ċivili meta mill-assjem tal-provi kien ċar illi kien hemm biżżejjed ċirkostanzi biex ikollu ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li l-aħħar testment tal-mejta ma kienx jirrispekkja l-volontà reali tagħha u kien frott biss ta' ingann jew pressjoni da parti tal-intimati".
>
> » … … …
>
> »Kif wieħed jista' jara mill-atti tal-kawża hemm provi konfliġġenti dwar sija l-istat mentali tal-mejta fix-xhur qabel it-testment in kwistjoni u dwar jekk saritx pressjoni indebita fuqha b'mod li kellha tagħmlu kontra l-volontà tagħha jekk fuq kollox kienet fi stat mentali li jkollha volontà tagħha. Dan iwassal għall-aggravju l-ieħor u wieħed jista' jara mill-ewwel li ż-żewġ aggravji huma intimament relatati. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti l-atturi jsostnu li t-testatriċi kienet fi stat 'kważi

veġetattiv' u allura qatt ma setgħet tkun f'kondizzjoni li tagħmel testment; da parti tagħhom il konvenuti jiċħdu dan u jsostnu li hija kienet tiekol, titniżżel mis-sodda u anke tagħraf lil kulħadd fiż-żmien li sar it-testment.

»F'gudizzju ċivili il-qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet … … …

»Din il-qorti, kif doveruż, eżaminat l-atti u fliet sewwa l-provi li nġabru u jidhrilha li l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni ġusta fl-evalwazzjoni tal-provi li semgħet. … … …

»F'kawża bħal dik odjerna allura, l-atturi kellhom jippruvaw u jikkonvinċu lill-qorti illi l-kunsens tal-mejta kien, kif qalu huma fiċ-ċitazzjoni, "ma jiswiex għaliex il-kunsens tagħha ma kienx tajjeb u ma jurix tassew l-aħħar volontà tagħha". Allura l-azzjoni tagħhom tista' tirnexxi jekk jiġi pruvat li l-mejta ma kenitx kapaċi li tifhem jew li jkollha volontà skont l-artiklu 597 tal-Kap. 16; inkella li l-kunsens li tat ma kienx jiswa għaliex kien meħud jew bi vjolenza jew b'għemil doluż (artiklu 974 tal-Kodiċi Ċivili); f'każ ta' testment ma tantx jista' jiġi applikat il-kawża l-oħra tal-invalidità tal-kunsens, ossija l-iżball, ħlief f'ċirkostanzi tant eċċezjonali li jirrażentaw l-inverosimili u f'kull każ żgur mhux applikabbli għall-każ li l-qorti għandha quddiemha. Fuq dan l-aspett l-abbli difensur tal-appellati argumenta li dawn il-kawżali (li m'humiex imsemmija fiċ-ċitazzjoni) huma *più o meno* kontradittorji meħudin flimkien għaliex persuna jista' jkollha l-fakoltà li trid jew ma jkollhiex; u jekk ma jkollhiex, kif qed jallegaw l-appellanti, ma tistax tiġi influwenzata biex tiddikjara xi ħaġa li ma tridx. Madankollu l-qorti xorta waħda se teżamina ż-żewġ possibiltajiet.

»Rigward l-ewwel possibilità din il-qorti taqbel pjenament mal-ewwel qorti li l-mejta kellha kapaċità li tifhem u li jkollha volontà u fuq dan l-aspett għandha l-komfort tar-rapport ċar li irrediġa Dottor Peter Muscat u li ġie anness mat-testment in kwistjoni. Ix-xhieda (wieħed minnhom nutar ukoll) ma ġewx imtella' jixhdu u allura wiehed jifhem li kemm in-nutar illi ippubblika t-testment (li wkoll ma ttellax jixhed) u kemm ix-xhieda msemmija ma kinux se jkunu komparteċipi ta' sitwazzjoni daqstant serja kif allegata mill-appellanti. Il-fatt li l-mejta għamlet l-aħħar testment tagħha – *cioè* dak li l-appellanti qed jitolbu n-nullità tiegħu – ftit ġimgħat qabel ma mietet ma jfissirx li hija kienet nieqsa minn din il-fakoltà.

»… … …

»… … … għandu jingħad li ċertament ma hemm xejn insolitu li persuna li għandha l-ulied tħallihom werrieta ndaqs kif għamlet il-mejta f'dan il-każ.

»Għalhekk jibqa' x'jiġi investigat jekk il-kunsens ta' Maria Carmela Hayman ġiex karpit bil-qerq jew vjolenza.

»Fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cachia *v.* Emanuel Cachia deċiża minn din il-qorti fil-15 ta' Frar 1957, wieħed isib spjegazzjoni dettaljata ta' x'ried ifisser il-leġislatur f'dan l-ambitu b'riferenza speċjali għall-qerq. Skont il-qorti dan jikkonsisti "f'dawk il-maniġġi frawdolenti li bihom jiġi mqarraq it-testatur u bihom tiġi karpita disposizzjoni testamentarja illi diversament huwa ma kienx jagħmel … … … biex iwassal għall-vizzju tal-qerq u tan-nullità relattiva tad-disposizzjoni testamentarja l-qerq irid ikun inġust, gravi u determinanti". Il-qorti żiedet tgħid illi "kull kura,

żegħil, attenzjoni, suġġerimenti, insistenzi li ma jkunux akkumpanjati minn *mala arte*, minn artifizi reprimevoli, ma jikkostitwixxix il-qerq". Wieħed ma jsib ebda prova fl-atti tal-kawża li saru xi maniġġi bħal dawk spjegati minn din is-sentenza. Dan japplika bl-istess mod għall-allegazzjoni ta' vjolenza, konsistenti fl-allegata pressjoni, li dwarha din il-qorti taqbel mad-deliberazzjonijiet tal-ewwel qorti għall-istess raġunijiet. Kien jispetta naturalment anke hawn lill-appellanti bħala atturi li jressqu provi f'dan ir-rigward – *onus probandi incumbit* [*ei*] *qui dicit non ei qui negat* kif jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi.

»Għal dawn il-motivi l-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma interament is-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell ukoll a kariku tal-appellanti.«

4. B'rikors tal-4 ta' Mejju 2015 l-atturi talbu illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza attakkata, għax igħidu illi dik is-sentenza applikat il-liġi ħażina u/jew fiha disposizzjonijiet kontra xulxin u/jew kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811(*e*), (*i*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-konvenuti wieġbu fit-22 ta' Mejju 2015.

5. L-atturi jibdew l-argument tagħhom favur it-tħassir tas-sentenza attakkata b'dawn l-osservazzjonijiet:

»… … … l-esponenti jħossu u umilment jissottomettu li l-proċeduri … … … kienu ta' ksur u kontra l-liġi u *ai termini* tal-artikoli 811 *et sequitur* [*recte, et sequentes*] tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili … … … u dan senjatament taħt dak kontenut fis-sub-artikoli (*e*), (*i*) u (*l*) tal-artikolu 811.

»Illi minn dan l-esponenti umilment jirrilevaw ukoll li din l-onorabbli qorti meta jiġu quddiemha każijiet ta' ritrattazzjoni trid tieħu in konsiderazjoni t-trapass taż-żmien bejn il-mument meta dawn l-artikoli twieldu u dak li huwa llum. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li s-sistema ġudizzjarja tagħna ma għandhiex mekkaniżmu fuq l-istess linji ta' kassazzjoni li diversi stati membri tal-Unjoni Ewropea għandhom però għandha dawn l-artikoli. Bil-prinċipji tat-Trattat ta' Lisbona (parti sħiħa mis-sistema legali tagħna) kif ukoll b'dak li ġie ulterjorment żviluppat gewwa l-Qorti Ewropea ta' Strasbourg wieħed ma jistax jibqa' jinterpreta u jara l-artikoli 811 *et seqq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzioni u Proċedura Ċivili … … … bħala disposizzjonijiet ta' rimedji straordinarji li jridu jiġu interpretati ristrettivament. L-esponenti umilment jissottomettu li dak li ngħad f'sentenzi passati fejn din ir-realtà legali ma kinetx teżisti ma għandux jibqa' jiġi miżmum bħala massimi fundamentali li ma tistax tiddipartixxi minnhom. Ir-riġidità ta' dan imur djametrikament il-kontra ta' prinċipji li ilhom jiġu applikati fis-sistema

> tagħna sa minn żmien il-promulgazzjoni tal-ligi f'Ruma fejn diġà taħt ir-repubbblika disposizzjonijiet magħmula għal raġunijiet u f'ċirkostanzi partikolari jinbidlu u jiġu trasformati b'intelliġenza għas-sitwazzjonijiet ġodda. Meta wieħed iħares lejn il-fatt li s-sistema tagħna oriġinarjament twieldet mill-principji tar-*restitutio in integrum* jifhem iktar li l-bażi hija għad-disposizzjoni tagħna llum biex wieħed japplika b'inqas restrizzjoni u għall-bżonnijiet tallum bħala strument ta' ġustizzja u mhux il-kontra.«

6. Il-qorti tosserva illi dan l-argument tal-atturi aktar għandu min-natura ta' riflessjonijiet fuq politika leġislativa *de lege ferenda* milli argument legali. L-atturi qegħdin igħidu illi l-liġi kif inhi llum ma għadhiex taqdi l-ħtiġijiet tallum u għalhekk għandha tibda tiġi interpretata b'mod li effettivament jibdel it-tifsira tagħha. Iżda l-kompitu tal-qorti huwa li tapplika l-liġi kif inhi mhux kif jidhrilha li għandha tkun. Huwa kompitu tal-leġislatur, mhux tal-qorti, li jibdel il-liġi meta din ma tibqax taqdi l-ħtiġijiet li jinbidlu maż-żmien.

7. Fil-fatt l-argument tal-atturi, aktar milli argument validu, huwa x'aktarx ammissjoni li ma għandhomx raġun f'dak li qegħdin jitolbu għax effettivament qegħdin jitolbu li l-qorti toħloq liġi ġdida għall-każ tagħhom għax il-liġi kif inhi llum ma tagħtihomx raġun.

8. L-aggravji tal-atturi huma dwar applikazzjoni tal-liġi ħażina, dwar disposizzjonijiet kontra xulxin u dwar żball ta' fatt. L-aggravji dwar applikazzjoni tal-liġi ħażina u dwar żball ta' fatt ġew trattati promiskwament fir-rikors tal-atturi u mhux, kif kien ikun aktar xieraq, b'mod organizzat u linejari. L-atturi jfissru dawn l-aggravji hekk:

> »Illi l-esponenti qiegħed umilment iressaq u fl-istess ħin jissottometti fl-ewwel lok li l-proċeduri segwiti senjatament mill-ewwel qorti kienu kontra dak li tiddisponi l-liġi. Dan qiegħed jiġi umilment sottomess għax jidher ċar mid-diversi seduti li d-disposizzjonijiet kif kontenuti fir-Regoli dwar il-Pratika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Buon Ordni (S.L. 12.09) li huma parti sħiħa mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Pro-

ċedura Ċivili ma ġewx segwiti. L-esponenti jibda billi jirrileva li għal kuntrarju ta' pajjiżi oħra senjatament l-Ingilterra dawn ir-regoli ma humiex direzzjonijiet interni maħruġa biex jiġu segwiti abbażi ta' dak li jħoss kull ġudikant imma hawn huma liġi. … … …

»Jekk wieħed iħares fuq dan lejn l-artikoli disgħa (9), ħdax (11), tlettax (13) u erbatax (14) jinduna li dawn ġew kompletament injorati u ma ġewx segwiti tul din il-kawża. Il-linja li dawn ir-regoli jiddisponu mhux bħal alternattivi iżda għal mod rett u ġust li bih għandhom jiġu trattati u segwiti l-kawżi jidher mill-iktar evidenti li ġew injorati. Bit-tibdil qawwi li sar fil-proċedura f'dawn l-aħħar snin id-direzzjoni għandha tkun proprju li dawn jiġu segwiti u mhux imwarrba. Fil-każ in kwistjoni l-atti jixhdu fuq dan proprju għax in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn id-disposizzjonijiet legali ġiebu dewmien qawwi kif ukoll ksur tad-drittijiet proċedurali tal-esponenti. Dan, din l-onorabbli qorti ma għandhiex ma tagħtihx il-piż tiegħu; anzi l-esponenti umilment jissottomettu li għandha d-dmir li tassigura li l-qrati in prim'istanza jsegwu.

»Dan qiegħed jitqajjem fid-dawl tas-sub-artikoli (*e*) u (*l*) [tal-art. 811] li tal-ewwel jistipula li "s-sentenza tkun applikat l-liġi ħażin" u tat-tieni jgħid li "jekk sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża". L-esponenti qegħdin umilment jiġbdu dawn iż-żewġ sub-artikoli sabiex jiġu kkonsiderati mhux separatament iżda konġuntivament.

»Illi huwa minnu li s-sub-artikolu (*e*) kien ġie ristrett mill-oriġinal li kien jgħid "*Se la sentenza della Corte di seconda istanza fosse nullamente proferita per qualunque causa*" u dan għax il-bażi kienet "*errore di legge*" iżda l-linja ġenerali li ġiet meħuda kienet dik li tħares lejn applikazzjoni korretta tal-liġi fis-sens sħiħ taghha. Mhux limitat għall-Kodiċi Ċivili jew Kummerċjali imma miftuħa wkoll għal dak ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax it-tnejn huma parti integrali mill-proċess li jrid jiggarantixxi d-drittijiet tas-suġġetti tal-liġi. Dan joħrog forsi ftit iktar evidenti meta wieħed jaqra paragrafi f'sentenzi bħal "L-ipoteżi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi tikkonkreta ruħha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' liġi espressa u ċara u mhux suġġetta għal interpretazzjoni, razjoċinji jew argomenti". Biss anki hawn il-qrati nostrali ħassew li ma għandhomx joqogħdlu lura u fetħu toroq ġodda sabiex il-liġi tiġi segwita u applikata u prinċiparjament ma tiġix injorata kif l-esponenti qed jissottomettu li seħħ fil-każ odjern fil-konfront tal-Regoli dwar il-Pratika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni (S.L. 12.09). Dan qiegħed jingħad ulterjorment għax wieħed isib ukoll sentenzi fejn l-imgħallma fil-ligi ddikjaraw ukoll "id-dover tal-ġudikant huwa mhux sempliċement dak li japplika l-liġi imma anki dak li jara, minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, x'inhi l-probabili intenzjoni tal-leġislatur f'dawn iċ-ċirkostanzi u li japplika l-liġi u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonċiljaha mal-liġijiet l-oħra biex l-applikazzjoni tagħha ma tiġix ingusta".

»Ma' dan l-esponenti jirrilevaw ukoll li dan huwa ulterjorment sostnut mis-sub-artikolu (*l*). Dan għax kif huwa magħruf din id-disposizzjoni ġiet introdotta taħt l-Ordinanza IX tal-1886 fejn daħal il-prinċipju tal-hekk imsejha "*errore di fatto*" u dan wara serrtenza li influwenzat il-posizzioni legali. Il-posizzioni u d-diċitura oriġinali fil-lingwa taljana tinkludi ferm iktar milli sussegwentement bil-ġurisprudenza restrittiva ngħad. Dan qiegħed jiġi umilment sottomess għax l-iżball li qiegħed jiġi indikat f'dan is-sub-artikolu ma huwiex kif erronajament kien hemm

> min interpretah u *cioè* limitat għad-dokumenti iżda kien proprju l-punt li fejn isiru nuqqasijiet ta' proċedura allura dan jikkostitwixxi żball huwa ukoll parti mill-izball ta' fatt. Dan għax kif tajjeb kienu jaħsbu l-ġuristi żball tal-proċedura jwassal għal żball fuq l-analiżi u l-għarbiel tal-fatti.

9. Safejn tista' tifhem xi jridu jgħidu l-atturi, l-ewwel ilment imsejjes fuq applikazzjoni tal-liġi ħażina jidher li hu li l-proċedura li biha mxiet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux il-Qorti tal-Appell) ma hijiex kif iridu r-Regoli dwar il-Pratika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Buon Ordni ["S.L. 12.09"]. *Se mai*, għalhekk, dawk li l-atturi jqisu li kienu irregolaritajiet fil-mod kif imxiet il-Prim'Awla kellhom jitqajjmu quddiem il-Qorti tal-Appell bħala aggravji tal-appell u mhux, kif qegħdin jinġiebu llum, bħala aggravji għall-għanijiet ta' ritrattazzjoni.

10. Barra minn hekk, biex titħassar sentenza taħt l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-applikazzjoni tal-liġi ħażina trid tkun fis-sentenza nfisha u mhux fil-proċess, u l-atturi jonqsu għalkollox milli juru kif dawk li huma jqisu bħala irregolaritajiet fil-proċess wasslu għal applikazzjoni tal-liġi ħażina fis-sentenza attakkata.

11. Dan l-aggravju huwa għalhekk manifestament fieragħ.

12. L-aggravju mbagħad dwar żball ta' fatt huwa wkoll fieragħ. L-argument hu illi "żball tal-proċedura jwassal għal żball fuq l-analiżi u l-għarbiel tal-fatti". Għalkemm huwa minnu illi żball tal-proċedura – jekk tassew seħħu żbalji ta' proċedura għax l-atturi ma semmewx wieħed – *jista'* jwassal għal żball ta' fatt, il-possibilità mhix biżżejjed, u l-atturi ma wrew b'ebda mod li s-sentenza attakkata kienet imsejsa "fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża,

jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament"; anzi, ma għamlu ebda aċċenn għal xi fatt li tqies meta kellu jiġi mwarrab jew twarrab meta kellu jitqies.

13. Dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

14. L-aggravju l-ieħor huwa illi s-sentenza attakkata fiha disposizzjonijiet kontra xulxin u ġie mfisser hekk:

> »Illi ma' dan l-esponenti umilment jissottomettu li l-istess sentenza mogħtija mill-qorti sija fl-ewwel kif ukoll fit-tieni [*sc.* grad] tikkontjeni disposizzjonijiet kontradittorji li kif jingħad tindika "jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin". L-esponenti fuq dan irid primarjament jissottometti li ma jaqbilx ma' dik il-ġurisprudenza li pprovat tillimita dan il-każ għall-parti limitata tad-dispositiv. Jekk dan ikun il-każ, fil-kawża odjerna tant hija xotta [*sc.* il-parti dispositiva] li l-intenzjoni tal-leġislatur ikunu [*sic*] qed jiġu reżi inoperanti. Dan għax isegwi li l-parti finali ta' kull sentenza trid tasal għaliha billi ssegwi dak li jkun ingħad preċedentement. Allura ma jistax jigi aċċettat li partijiet li ma jsegwux linja uniformi ta' ħsieb u loġika jingħadu bħala torrijiet li ma jistgħux jintmessu. Ma hemmx dubbju li biex tiġi protetta, konservata u garantita l-massima legali tagħna li kull ġudizzju jrid ikun motivat dan minnu nnifsu jfisser li fejn il-motivazzjoni hija kontradittorja hemm lok għar-ritrattazzjoni.
>
> »Dan qiegħed jiġi espost f'dawn il-proċeduri għax l-esponenti umilment isostnu li fl-analiżi tal-fatti l-Qorti tal-Appell induċiet lilha nnifisha sabiex issegwi din it-triq.
>
> «Is-sentenza li minnha l-esponenti qed jilmentaw tikkontradiċi lilha nnifisha għax l-istess onorabbli qorti fuq naħa tidher qed tagħti raġun lill-ilment tal-esponenti li l-qorti in prim'istanza daħlet ruħha fiha meta qalet li "il-kawżali tal-vizzju tal-kunsens minħabba r-rieda mġiegħla tat-testatriċi jfisser li huma impliċitament jaċċettaw li l-imsemmija testatriċi kellha l-kapaċità li tagħmel testament". Fil-fatt ħaġa ma teskludix lill-oħra. Di fatti l-onorabbli qorti wara li ddikjarat li mhux ser tiddisturba l-għarbiel tal-provi għaddiet biex tagħmel proprju dan. L-istess qorti onorabbli tgħid li "F'kawża bħal dik odjerna allura, l-atturi kellhom jippruvaw u jikkonvinċu lill-qorti illi l-kunsens tal-mejta kien, kif qalu huma fiċ-ċitazzjoni 'ma jiswiex għaliex il-kunsens tagħha ma kienx tajjeb u ma jurix tassew l-aħħar volontà tagħha'. Allura l-azzjoni tagħha tista' tirnexxi jekk jiġi pruvat li l-mejta ma kinetx kapaċi li tifhem jew li jkollha l-volontà skont l-artikolu 587 tal-Kapitolu 16; inkella li l-kunsens li tat ma kienx jiswa għaliex kien meħud jew bi vjolenza jew b'għemil doluż (artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili)". Dan huwa żbaljat u kontradittorju u ġie hekk indott proprju għax għalkemm ġiet ċitata sentenza mogħtija mill-istess qorti diversament preseduta però l-applikazzjoni tal-prinċipji hemm stabbiliti ma huwiex [*sic*] uniformi u anqas linejari. Dan għax, għall-kuntrarju ta' dak li qalet il-qorti u li ġie ċitat, il-

premessa li telqgħet bih [*sic*] huwa li "l-kapaċità li wieħed jiddisponi minn ħwejġu b'testment hija presunta" mingħajr ma kkonsidrat fid-dawl legali korrett il-portata tal-presunzjoni. Dan għax iċ-ċirkostanzi sħaħ tal-każ odjern juru proprju li dak li sar mid-*de cujus* fl-aħħar testament kien kontra u in violazzioni tad-drittijiet tal-esponenti. Dan qiegħed jingħad għax fil-kontradizzjoni tal-ħsieb il-premessa kienet tali li tinjora ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ mhux biss anzi li tippretendi prova tant qawwija li ma tħallix dubbji li persuni li jagħarfu l-ħajja jkollhom. Għax meta wieħed jara li l-imsemmija biddlet id-disposizzjonijiet testamentarji tagħha ftit jiem biss qabel ma mietet kif ukoll il-fatt li l-eżamijiet mediċi li sarulha internament jindikaw li l-moħħ tad-*de cujus* ma kienx qiegħed fl-istess livelli li kien qabel. L-istess qorti onorabbli injorat dan kollu proprju għax induċiet ruħha fi żball u kontradizzjoni għax iddeċidiet li kienu disposizzjonijiet "ġusti" tad-*de cujus* li ħalliet lill-ulied kollha ugwalment. Dan fih innifsu bena l-argument kollu tal-imsemmija qorti kuntrarjament għal dak li hija stess kienet indikat qabel u ma ġibetx quddiemha l-fatt li l-esponenti kienu ngħataw iktar fit-testment preċedenti proprju għax hekk kien ħaqqu [*recte* ħaqqhom]. Dak li ġie perċepit, u preżentat bħala att ta' ugwaljanza, ma kienx fir-realtà tal-fattispeċji tal-każ wieħed ta' ġustizzja. Bir-rispett lejn l-imsemmija qorti l-bilanċ tad-difiża taċ-ċittadin inbidel hawn. Għax proprju llum nafu li s-soċjetà tagħna bis-sistema salutari tagħha qed tippermetti li l-bnedmin igħixu iktar fit-tul u kkurati fis-saħħa fiżika tagħhom; biss infetħu toroq ġodda ta' abbuż. Dan qed jingħad għax stranament l-istess qorti ma ħadetx in konsiderazzjoni li diversi persuni anzjani għandhom il-partikolaritajiet tagħhom meta ma jibqgħux fl-istess ambjent li kienu; mhux biss imma inevitabilment jinbidlu u bnedmin li qabel ma kinux [*sic*]. Il-presunzjoni li ġiet stabbilita ma tfissirx żgur li dik qorti dan [*sic*] ma ridetx li għandha sservi bħala raġuni jew paraventu għall-azzjonijiet li jikkostitwixxu inġustizzji. L-esponenti umilment jissottomettu li l-presunzjoni proprju hija li fuq ir-realtà u l-esperjenzi varji li meta persuna f'ċerta età, imdawra b'ċerti ċirkostanzi, ma jistax jingħad li hija fl-istess stat mentali ta' meta tkun iżgħar u fl-ambjent tagħha Di fatti l-istess qorti tikkontradiċi ruħha meta tiċċita ġurisprudenza u insenjament li nbena mhux f'sitwazzjonijiet tallum iżda f'dawk preċedenti. Għalhekk l-esponenti umilment jitolbu li din il-qorti għandha tilqa' din is-sottomissjoni tal-esponenti.«

15. L-argument tal-atturi huwa x'aktarx konfuż u mimli b'irrelevanzi u b'asserzjonijiet li *non sequuntur* hekk li diffiċli tislet linja koerenti ta' ħsieb minnu.

16. Tassew illi l-Qorti tal-Appell, għalkemm tidher li qablet illi l-kawżali (a) illi t-testatriċi ma kellhix kapaċità mentali biex tesprimi volontà testamentarja u (b) illi l-kunsens tagħha ttieħed b'qerq jew bi vjolenza "huma *più o meno* kontradittorji meħudin flimkien għaliex persuna

jista' jkollha l-fakoltà li trid jew ma jkollhiex; u jekk ma jkollhiex, kif qed jallegaw l-appellanti, ma tistax tiġi influwenzata biex tiddikjara xi ħaġa li ma tridx", madankollu għażlet illi "xorta waħda … … … teżamina ż-żewġ possibiltajiet". Ma hemm xejn kontradittorju f'dan; fil-fatt lill-Qorti tal-Appell x'aktarx dehrilha illi l-kawżali kif imfissra fiċ-ċitazzjoni ma kinitx ċara u preċiża biżżejjed u għalhekk għaddiet biex tqis "iż-żewġ possibiltajiet". Dan *se mai* huwa ta' vantaġġ għall-atturi għax seta' jwassal biex jekk il-kawża tfalli fuq kawżali waħda tirnexxi fl-oħra. Fil-fatt iżda l-qorti sabet illi ma saret prova la ta' nuqqas ta' kapaċità mentali u lanqas ta' qerq jew vjolenza.

17. Lanqas ma hu minnu illi "l-qorti wara li ddikjarat li mhux ser tiddisturba l-għarbiel tal-provi għaddiet biex tagħmel proprju dan". Li qalet il-qorti hu illi, għalkemm ma taqlibx leġġerment l-apprezzament ta' fatt li tagħmel qorti tal-ewwel grad, dan ma jeħlishiex mid-dmir li hi wkoll tgħarbel il-provi biex tara jekk il-konkużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti kinitx tassew waħda li setgħet raġonevolment tasal għaliha.

18. Imbagħad għalkollox *non sequitur* l-argument "li dak li sar mid-*de cujus* fl-aħħar testament kien kontra u in violazzioni tad-drittijiet tal-[atturi]". Id-dritt huwa tat-testatur li, sakemm iħares is-sehem riżervat, jiddisponi minn ħwejġu kif jidhirlu; id-dritt ma huwiex tal-benefiċjarju li jieħu aktar mis-sehem illi l-liġi tirriżerva favur tiegħu għax jidhirlu li jistħoqqlu aktar. Jekk lill-atturi dehrilhom li kien jistħoqqilhom iżjed biex jitħallsu għal serviġi li għamlu għat-testatriċi, ir-rimedju kien li

jiftħu kawża għal serviġi, kif fil-fatt għamlu u l-kawża[1] nqatgħet minn din il-qorti llum ukoll.

19. Hija għalkollox asserzjoni żbaljata illi l-kumment tal-Qorti tal-Appell illi "kienu disposizzjonijiet 'ġusti' tad-*de cujus* li ħalliet lill-ulied kollha ugwalment" kien kumment li "fih innifsu bena l-argument kollu" tal-qorti. Mhux biss ma hemm xejn kontradittorju f'dan, iżda wkoll id-deċiżjoni tal-qorti ma kinitx illi t-testment jiswa għax id-disposizzjonijiet magħmula fih huma "ġusti"; id-deċiżjoni kienet illi l-atturi naqsu milli jressu provi li juru li l-kunsens tat-testatriċi kien b'xi mod vizzjat.

20. Il-fatt waħdu illi t-testatriċi "biddlet id-disposizzjonijiet testamentarji tagħha ftit jiem biss qabel ma mietet" ma huwiex prova ta' nuqqas ta' kapaċità mentali jew ta' kunsens vizzjat, aktar u aktar meta ċertifikat mediku magħmul dak il-ħin stess li sar it-testment juri l-oppost. L-argument imbagħad illi għax il-bnedmin illum igħixu aktar fit-tul mela għandek aktar żmien biex tqarraq bihom jew biex tabbuża mir-rieda tagħhom juri biss li l-atturi qegħdin iħawwdu l-possibilità ta' abbuż ma' prova ta' abbuż, li kienet għalkollox nieqsa fil-każ tallum. Barra minn hekk, dan l-argument huwa għalkollox irrelevanti fil-kuntest tal-aggravju ta' disposizzjonijiet kuntra xulxin fis-sentenza.

21. Fil-verità l-argumenti li jressqu l-atturi tant huma fiergħa u neqsin minn sustanza, u tant ovvjament ma għandhom ebda possibilità realistika li jirnexxu, illi dan l-episodju ma jistax ma jitqiesx bħala abbuż tal-proċess ġudizzjarju.

---

[1] Ċitazzjoni numru 1664/1999.

22. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell u tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż kollha ta’ dan l-episodju. Billi wkoll hija tal-fehma illi t-talbiet tal-atturi huma fiergħa, il-qorti wara li rat il-para. 10(1) tat-Tariffa A mehmuża bħala Skeda A mal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tikkundanna lill-atturi jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta’ ħames mitt euro (€500).

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Noel Cuschieri<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df